MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1813/2003

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Arbi u Natasha konjugi Blihi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mija u tmienja u tletin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm1138.58) rappresentanti prezz ta' istallazzjoni u kiri ta' apparat u linji telefonici, kif ukoll ta' tariffi fuq telefonati u servizzi ohra debitament rezi lill-konvenuti mis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja datata 28 ta' Marzu 2003, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti.

Ra d-digriet tas-27 ta’ frar 2004, fejn l-konvenuti inghataw l-opportunita li jipprezentaw ir-risposta taghhom fi zmien hmistax.

Ra l-verbal tas-seduta tal-21 ta’ April 2004 minn fejn jirrizulta illi l-konvenuti la ipprezentaw ir-risposta taghhom fiz-zmien moghti u lanqas dehru ghas-seduta.

Sema' x-xhieda ta’ Paul Busuttil in rappresentanza tas-socjeta attrici minn fejn jirrizulta illi l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut mill-konvenuti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti u cioe’ id-dokumenti PB1 u PB2.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf mija u tmienja u tletin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm1138.58), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------